# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. | IT-TLIETA, IT-2 TA DICEMBRU, 1913. | NRU. 93.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nisterneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Aħbar.

L'imsieħbin tal *Ħabib* li jokogħdu fir-Rħula, l'actar daŭc tal bgħid, jinsabu mitlubin mill'Amministratur tagħna li jiġu iħallsu haŭn il-Belt, fil *Librerija ta G. Muscat*, strada Mercanti, numru 48, taħt il *Monti*, fejn isibu ir-rcevuta taħħom, għax, għal ħlas hecc ċchejchen, ma jakbilx li jinbgħat ragel sa hemm.

## Polîtca!

Aħna ŭegħdna, fl'eŭŭel ħarġa tal *Ħabib*, li ma għandniex nindaħlu fil *Polîtca*. U nistgħu ngħidu ucoll, b'ŭiċċna minn kuddiem, li, mita il Cumitat tal *Unjoni Cattolica* taħulna f'idejna, ma żammilniex ħlief dan il patt. Mil bkija, ħalliena nagħmlu collox scond il fehma tagħna; u inkas is-Segretarju stess tal Cumitat ma jibgħat għall *Ħabib* l'iċchen *Avviż* tal *Unjoni Cattolica* kabel ma juriħ lilna....

Mela, il *Ħabib* immexxuħ chif jidhrilna aħna, ħadd ma jindaħlilna f'xejn....imma bil kaddis mal Cumitat li ma ngħodsux fil *Polîtca!*

X'in hi, mela, din l'imbierca ta *Polîtca?*...

Li ŭieħed, ngħidu aħna, jakbeż għad-drittijet ta Malta, biex ifaccar, b'li *Storja* f'idejħ, li daŭn il Gżejjer, ŭara il ŭakgħa tal Cavalieri u li mblocc tal Franciżi, geŭ mogħtija mil Maltin, minn jeddhom, lill'Ingliżi, bil patt li għandhom iħarsulhom f'cull żmien ir-Religjon, id-drittijet, il privileġġi u id-draŭŭiet taħħom collha;—din tissejjaħ *Polîtca?*....

Li ŭieħed juri, dejjem b'li *Storja* f'idejħ, chemm hu minnu li sa mil ibgħat żmienijet, minn mita giè ħelisna mil Għarab il Conti Ruggieru sa mita tlabna il Captan Alexander Ball igħina ncheċċu il Franciżi, chellna dejjem il Cunsill Populari; u li dac il Cunsill ma chienx ta tmienja min-nies fgati fil ħsiebijet taħħom minn numru icbar ta Cunsilieri magħmulin mil Gvern, imma chien Cunsill ta għadd cbir ta Cunsilieri magħżu.in collha mil Poplu;—din tissejjaħ *Polîtca?*...

Li, fost il privileġġi u id-draŭŭiet li chellhom iħarsulna l'Ingliżi, chien hemm il privileġġ li il Poplu ma icollux *taxxi ġodda* u id-draŭŭa tal *lingŭa taljana* fil Krati, fl'Università, fl'Ufficini stess tal Gvern, bħala *lingŭa principali tal Pajjiż*; u li saħansitra l'eŭŭel Gvernaturi Ingliżi, fil *Proclami* u fin-*Notificazzjonijet* taħħom lill Poplu, chienu jitchellmu bit-Taljan biss;—turi bid-documenti u bir-ragjunijet daŭn il ħŭejjeġ, tissejjaħ *Polîtca?*....

Tfaccar chemm renti għandu f'idejħ il Gvern ta fundazzjonijet li m'humiex isiru, chemm draŭŭiet antichi (sa 'l ħġejjeġ ta lejliet San Ġŭann) inkatgħu, chemm *taxxi ġodda* saru bla bżonn, chemm privileġġi tneħħeŭ lill Cnisja u lill Poplu;—din tissejjaħ *Polîtca?*....

U, biex ma ntaŭŭlux actar, tirragjuna bil kima collha fuk il *Costituzzjoni* li nixtieku u li tixirkilna, scond il pattijet, scond iż-żmienijet u scond id-drittijet tagħna ta Poplu libru, civil u mirħi minn jeddu f'idejn in-Nazzjon l'iżjed libra u civili tal Eŭropa, li, bla dubju xejn, hi l'Ingħilterra;—din tissejjaħ *Polîtca?*...

Minn għalina, le!

Minn għalina, mhux f'dan tidħol il *Polîtca!*

Minn għalina, tcun *Polîtca* chiecu, Alla ħares katt!, jinbet partit ta Maltin li iridu ibiddlu il Bandiera; u aħna nżommu miegħu.

Tcun *Polîtca*, chiecu il Maltin jinkasmu f'żeŭġ partiti jeŭ f'iżjed— ta daŭc, ngħidu aħna, li iridu il Gvern immexxi minn *Cunsill* u ta daŭc li iriduħ *Militari*, bħalma hu Gibilterra; u aħna nżommu ma ŭieħed minnhom!

Tcun *Polîtca*, chiecu, fl'Elezzjoni tal Cunsilieri li gejja, joħorġu tmien Candidati contra tmienja oħra, b'żeŭġ *Programmi* ŭieħed contra l'ieħor; u aħna nżommu ma tmienja minnhom!

Tcun *Polîtca* ucoll chiecu, fil *Ħabib*, inkajjmu gŭerra favur jeŭ contra l' *Astensjonizmu*, jigifieri jecc il Poplu għandu jibgħat jeŭ le min jidher għaliħ fil Cunsill, chif in hi issa il *Costituzzjoni* tagħna....

Din hi, scond il fehma tagħna, il *Polîtca*. F'dan ma għandhomx jindaħlu il chittieba tal *Ħabib*: imma li jakbżu għad-drittijet tal Poplu, li ifaccru x'in hu li ŭegħditna l'Ingħilterra, li juru b'li *Storja* f'idejhom u bid-dehen ta moħħom x'ħadulna milli chellna u x'ma setgħux jiċħdulna, x'jixtieku u x'ħakkhom il Maltin, dan jissejjaħ *Patrijottiżmu*, mhux *Polîtca!*

Żidu ma dan collu il ligijet li kiegħdin isiru bil għaġla, it-tgħacchis barra mit-triek tal *cuntravvenzjonijet*, in-nukkas tal *protezzjoni* fil Cummerċ tal Maltin, it-*trascuragni* tal Biedja, il lâla żejjda lill frustieri, cull ċaħda tal ftit tal kalb li il Gvern jista' jagħmel lill'*Industrji* ta Malta: u taraŭ li fil *Ħabib*, bla ma timleŭħ bl'articoli sagri biss u bla ma tidħlu f' dic li hi tas-seŭ *Polîtca*, hemm bosta xi tgħidu!

---

## Cliem tad-deheb.

X.

## Ħakkna il għacs?

Fost il vizzji u id-dnubiet, li fl'eħrex kaŭŭa isaltnu f Malta, u li bħala tant calamiti kiegħdin isejjħu u jiġbdu fukna is-sajjetti tal castighi t'Alla, haŭn il vizzju misħut tad-dagħa u tal ħlif, tal imprecazjoni u tal cliem faħxi. Cullimchien, f'collox, u qŭasi f'cullħadd, ma tismax ħlief il misħut dagħa! Ir-rgiel u 'n-nisa, cbar u żgħar cullħadd jidgħi. Cull min hu ncurlat, cull min hu mdejjak, cull min irid jagħmilha tar-ragel, cull min irid ibażża lill'oħrajn, jidgħi; u actar ma jidgħi bl'aħrax, actar hu ragel u actar bravu. Fuk ix-xogħol u fil cummerċ, fil ħŭienet u fit-triekat, fil lakgħat u fid-djar ma tismax ħlief dagħa. Il missierijet u l'ommijet bid-dagħa u il cliem mokżież jiccorrieġu u iŭiddbu l'uliedhom. U l'ulied, iggenerati fuk id-dagħa, mreċċgħin, flimchien ma ħalib, bid-dagħa u bl'imprecazjoni li tfakka fukhom ommhom, joħorġu, fid-dagħa, actar gŭappi mil genituri taħħom. Dagħa! Dagħa!! u cullimchien dagħa!... Imma id-dagħa xi igib miegħu?

Haŭn Malta, chellna post magħruf bl'isem ta *Ŭara l'Isla*, li chien jista' bil ħakk collu jissejjaħ post tal hena u tal għajxien. Daħla tal baħar, li mix-xatt tal Belt chienet tibka' sejra sal bidu ta *Għajn dŭieli*, xħin tofrok, minn genb il ŭieħed, biċċa mit-truf tal Isla u ta Bormla, u mil genb l'ieħor, lil dic in-naħħa, li isejħulha *Taħt-Cordin*. Fil genb il ŭieħed u l'ieħor, chien hemm imħażen, fejn jaħżnu il kamħ, il faħam tal ħagra, travi, tŭavel u ħŭejjeġ oħra meħtieġa għal daŭc il bosta ta xogħlijet li hemm chienu jinħadmu; chien hemm ħŭienet, fejn isir ix-xogħol; chien hemm djar ŭcoll, fejn igħammru bosta nies. F'din id-daħla tal baħar chienu isorġu il bastimenti (għalchemm mux mil bastimenti cbar), scuni, dgħajjes tas-sajd u tal pass, brachen ktajja

cbar ta cull xorta ta mgħallmin u ħaddiema chienu minn hemm, ġmielhom, jakilgħu il għajxien taħħom; u mita cont tgħid li ŭieħed hu mgħallem ta Ŭara l'Isla, cont tcun tgħid li hu mgħallem ta capacità u li jaklaħha tajjeb; għax minn Ŭara l'Isla chienu jinkalgħu il flus it-tajba, billi hemm chienu isiru il bastimenti u cull xorta ta xogħol minn dan, li chien ikalla il flus lill ħaddiema ta ħafna xorta ta snajja. U mux biss in-nies tas-sengħa chienu minn hemm jakilgħu il flus, imma ucoll nies oħra ta bla sengħa, cullħadd scond ma hu; contu taraŭ gheġŭegija ta rgiel, dejjem sejrin, min iġorr, min igħabbi jeŭ iħott, fuk il bastimenti u fuk il brachen, il kamħ, il faħam, iċ-ċangatura; saħansitra l'iżgħar tfal chienu ma dŭar li mgħallmin, jakilgħu x'jieclu huma, u jeħdu ucoll xi ħaġa id-dar. Daŭc li ma jafux, jeŭ ma jifilħux jaħdmu cont tarahom jeħdu nitfa ta xlief f'idejhom; jistadu; ibiegħu il ħut li minn hemm icunu kabdu, u b'hecc, tajjeb jeŭ ħażin, icunu kalgħu biċċa ħobż x'jieclu. Jecc ŭieħed chien icun bil ġuħ, araŭħ jinżel lejn Ŭara l'Isla; u minn kalb il ħama tal kieħ-il-baħar, f'tul ta siegħa jeŭ ankas, jakla' x'jiecol bil bejħ tal frott tal baħar, li minn hemm jarfa. Xi uħud mil fkar, li ma icollhomx fejn jokogħdu, cont tarahom iŭakkfulec, bit-tŭavel, bħal barracca, li isservihom tal akŭa palazz, fejn igħammru. Hemm chienu bosta nies imorru ikattgħu sagħtejn żmien, jidħadtu għall'arja tal baħar, min jistad, għal mogħdija taż-żmien, min igħum.

Ŭara l'Isla chien, tabilħakk, il post tal hena u tal għajxien. Imma Ŭara l'Isla chien sar, bil ftit il ftit, il loc tad-dagħa u tal cliem faħxi. Biċċa mil flus, li chienu minn hemm jinkalgħu, chienu jiġu minfuka u mberbkin fil capriċċi u fil ħażen. Għadni nisma' b'daŭn il ŭidnejn ta cull darba, igħidu: Seħtuha lil dic Ŭara l'Isla bid-dagħa u bil kżiez ta cliem li isir fiha! Għad jaka' castig fuk Ŭara l'Isla! U il castig ma damx ma ŭasal.

Ħabta u sabta, bla, qŭasi, ħadd ma jaf chif, kaċċtu u checceŭ minn hemm lil cullħadd; ħatteŭ u ġarrfu il bini collu, saħansitra il Cnisja sbejjħa u tant devota; u ħaġra fuk ħaġra ma bakax minn Ŭara l'Isla ta dari. Ħajt għoli giè mibni u giet imkiegħda il għassa, biex ħadd ma jista' jersak lejn dac il post. Spiċċat Ŭara l'Isla! Id-dagħa keridha.

*Jissocta*) S.A.S.

---

FRAC TAD-DEHEB.

Il fieraħ li iħall ŭarajħ jum mitluf fix-xejn, ma jintila katt iżjed, għax cull jum li jigi ŭara icollu x'jimla.

---

LILL-IMMACULATA

# Omm Tagħna Marija

( 1913 )

SUNETT.

«Jena Marija, mil Ħalliek moħtâra,
fost collha n-nisa, biex Omm t'Ibnu 'nsir;
lili Dan għażel, għax mar fija jâra
l-għaxka ta kalbu, l-Arca ta tifħir.

Jena Marija, dic (*) l-kalbiena mâra,
li l-ħila chelli ŭ b'curaġġ tant cbir,
ras is-Serpent ngħaffeġ, biex lilu nara
għal dejjem tiegħi taħt riġlejja lsir.

Jena Marija, dic l-Omm li deŭŭejtcom
bil Frott minn tiegħi, veru Frott mixtiek;
jena Marìja, dic (*) l-Cheŭcba l-urejtcom,

bis-sabiħ raġġ tiegħi, tal Genna t-triek;
ta Giercu l-Ŭarda flaħħar jien Marija
li, fost in-nisel, jien biss ħriġt bla ħtija»

GIUSEPPE CASSAR.

Il belt Vittoria (Għaŭdex).

(*) Ma jogħġbuniex daŭn iż-żeŭġ *elisjonijet* tal articlu, li, fil ŭidna, donnhom igibu il versi b'sillaba actar: imma, la darba il Chittieb, li jaf tajjeb il *prosodija* u l'*ortografija* tal Malti ucoll, riedhom hecc, ma issugrajniex immissuhomlu.

ID-DIREZZJONI.

---

# Tuissijet fuk is-saħħa.

(*jakbad fuk il għadd 91*)

Ħaġa oħra jaħtieġ insemmi, u din hi iż-żŭieġ bejn il kraba. Daŭn iż-żŭiegijet ma humiex mill'aħjar; saħansitra il ligi tal Cnisja ma tridhomx, U ir-raġuni hi, għaliex jecc fil familja hemm xi marda milli semmejna ġejja min-nanniet, daŭc li huma kraba actarx icollhom it-tnejn l'istess velenu taħħa f'demmhom. Meta jiżżeŭŭġu dan jiżdied u ŭliedhom jeħdu il marda minn naħħa tal missier u tal omm. Imma mita ma humiex kraba actarx li ma jinzertaŭx li icollhom il velenu ta l'istess marda u għalhecc ŭliedhom jistgħu joħorġu f'saħħithom; l'actar imbagħad jecc fit-trobbija taħħom ŭieħed jokgħod attent li iŭarrabhom mil caŭżi li jistgħu iġibu il marda. Għaldakstant l'isbaħ żŭieġ li jista' jintagħmel hu dac bejn żeŭġ għarajjes b'saħħithom u barranin, mingħajr l'ebda xeħta għall mard.

Barra minn dan għandcom tfittxu l'età ta min sejrin tieħdu. Cull par għal paru igħid il proverbju. Jiġifieri ma għandux icun hemm differenza cbira bejn iż-żmien li għandhom daŭc li jieħdu il xulxin. L'aħjar żmien ħu mil 20 sat-30 sena, u ma jistgħux igħammru fil hena mita id-differenza fl'età tcun cbira—irrid ingħid li żagħżuħ jeħu ŭaħda mdaħħla fiż-żmien, jeŭ xiħ jeħu żagħżugħa. Minn żŭegijet bħal daŭn, barra milli l'ulied joħorġu bla saħħa jeŭ marradin, icun hemm jeŭ jista' icun hemm, gŭaj fid-dar li hu l'akŭa ħsara u ġlied fil familja.

Fl'aħħar nispiċċa bîex nirrispondi għal min staksieni: Armel jeŭ armla għandhom jarġgħu jiżżeŭŭġu?

Ir-risposta hi tal ħsieb għax tiddependi minn ħafna circustanzi. Imma min għandu mid-dinja, u min kara biż-żejjed fuk din il ħaġa, għandu igħid bħali.

Jena nagħmel differenza bejn mita l'armel u l'armla ma għandhomx tfâl, u mita xi ŭieħed minnhom għandu it-tfal, u inkas ucoll jecc it-tfal humiex żgħar jeŭ cbar; jecc la il ŭieħed u l'ankas l'oħra ma għandhom tfal, allura jistgħu jiżżeŭŭġu chemm iridu għax daŭn tista' tgħoddhom għożżieb. Mux hecc mita hemm it-tfal fin-nofs. Jecc l'armel għandu xi tifel jeŭ tifla li għadhom żgħar, u jeħu mara tal għakal, forsi din issir tħobbhom u huma jingibdu lejha u jistmaŭha bħal ommhom. Din l'imħabba actarx tcompli il kuddiem u l'actar jecc din il mara ma icollhiex tfal taħħa. Għaliex jecc icollha taħħa, allura in-natura iġġagħalha tħobb it-tfal taħħa actar minn daŭc ta żeŭġha. Allura jibda il glied bejn it-tfal u bejn il missier u l'omm ucoll, u il paci fid-dar tispiċċa. Imma ŭisk agħar minn hecc jiġri, jecc it-tfal tal armel jeŭ tal armla icunu imfarfrin. Daŭc katt ma jistgħu iħobbu u jirrispettaŭ il mara ta missierhom jeŭ ir-ragel ta ommhom. Imbagħad jecc icun hemm tfal oħra mit-tieni żŭieġ allura il glied bejn il mara u ir-ragel jiżdied u il għira bejn l'ulied titcattar u hecc il paci tispiċċa għal collox: povru missier jinsab bejn in-nar u l'ilma, irid iżomm il paci għax it-tfal collh biċċa minnu, imma ma jirnexxilux għaliex fl'istess ħin irid jiccuntenta it-tieni mara li maħħa kiegħed igħammar. X'jiġri? Jiġri li it-tfal tal eŭŭel jinbagħtu f'xi culleġġ u jitbegħdu mid-dar, hemm icunu fuk il kalb u isiru kalbhom seŭda, jiċħdu l'ichel, bħalma ŭira biċċar bin-numri f'idejħ mil Culeġġi tal Italja, Franza u Germanja is-sur Ferriani fl'aħħar numru tal *Coltura Moderna*. It-tfal, imbegħdin mid-dar, jibirdu fl'imħabba lejn il genituri taħħom u malli jispiċċaŭ it-tagħlim taħħom u jistgħu jeclu b'ħilthom, jitilku mid-dar u forsi ŭcoll minn pajjiżhom, biex ma jaraŭhomx iżjed.

Taŭŭalt ftit iż-żejjed fuk iż-żŭieġ għaliex din hi ħaġa ta rekka cbira, li minnhom jiddependi il hena f'din id-dinja u fl'oħra ucoll. Żŭieġ li ma jintakax, għax magħmŭl chif giè giè, nistħajlu l'infern f'din id-dinja, u mux sgur ma icunx il caġun li ŭieħed imur ibati fl'infern fid-dinja l'oħra.

Darb'oħra incomplu nitħadtu fuk il condotta jeŭ għakal ta min icun sejjer jieħu l'istat tiegħu.

(*Jissocta*) L. MANCHÉ.

---

# Tifsir fuk il Ġubleû.

( *Jissocta* )

*Pen.* Sur Patri, inti kiegħed tfehimni tajjeb ħafna fuk il krara tal Ġubleŭ, chif għandna nagħmluha. Issa xtakt li ncun naf, x'setgħa għandhom il confessuri fil krara tal Ġubleŭ, għax smajthom igħidu illi il confessuri collha fil krara li tagħmel għall Ġubleŭ għandhom setgħa l'actar cbira.

*Conf.* Iva, ibni, inti smajt seŭŭa, illi fil krara li tagħmel għall Ġubleŭ, il confessuri għandhom setgħa barranija, li ma icollhomx fi żmenijet oħra. Għax għandec tcun taf illi il confessuri collha, fil krar li ikarru ma tul is-sena, għandhom xi dnubiet li ma jistgħux jaħfruhomna, għax huma dnubiet *riservati*, jigifieri miżmuma lilhom mill'Iskof, inchella mil Papa. Biss hu eccettŭat il pont tal meŭt li fiħ cull confessur jista' jaħfer cull dnub, u cull piena tal Cnisja. U mhux biss il confessuri imma ucoll l'Iskfijet għandhom ucoll xi dnubiet li ma jistgħux jaħfruhom barra mil pont tal meŭt. Issa fiż-żmien tal Ġubleŭ l'Iskfijet collha, u collha chemm huma il confessuri għandhom is-setgħa li jaħfru minn cull dnub l'actar icreħ u iħollu cull irbit spiritŭali mir-ruħ tal bniedem. Jena insemmilec liema setgħa għandhom il Confessuri fil krara magħmula għall Ġubleŭ. 1. Jistgħu jaħfru id-dnubiet collha u dnubiet l'actar coroħ. 2. Jistgħu iħollu minn cull piena ta scomunca u ta sospensjoni u ta interdett anche riservati mil li stess Papa. 3. Jistgħu jibdlu il ŭegħdiet anche magħmulin taħt ġurament, barra mil vot tal castità, tar-religjon (jigifieri li issir religjus) u daŭc il voti l'oħra fejn

jindaħal id-dritt ta ħaddieħor, chif ucoll ma jistgħux jibdlu il ŭegħdiet li ŭieħed icun għamel biex jitbigħed mid-dnub, jistgħu biss jibdluhom b'opri oħra bħalhom, li ibiegħdu il penitent mid-dnub. 5. Jistgħu fl'aħħarnett jiddispensaŭ lill'ecclesiastici, mhux biss seculari imma ucoll regolari, mill'irregolarità moħbija, sabiex icunu jistgħu jesercitaŭ l'ufficcju tal ordni li icollhom u jircievu ordnijet ġodda; biss ma jistgħux il confessuri jiddispensaŭ mill'irregolarità li isejħulha tad-*difett* jeŭ tad-*delitt*, l'ankas minn cull incapacità oħra, tant publica chemm moħbija.

*Pen.* Sur Patri, barra mil krara inti għedtli illi hemm stabbilita ucoll it-tkarbina. Nitolboc tgħidli chif għandha tcun it-tkarbina tal Ġubleŭ?

*Conf.* L'actar Sagrament cbir fost is-Sagramenti l'oħra hu certament is-Sagrament tat-tkarbin, għax jecc fis-Sagramenti l'oħra tinsab il grazzja t'Alla, fis-Sagrament tat-tkarbin jinsab l'Aŭtur tal grazzja li hu Gesù Cristu Sidna. Mhux għal xejn immela illi il Papiet collha mita jordnaŭ xi Ġubleŭ jordnaŭ is-Sagrament tat-tkarbin, bħala ŭaħda mill'opri stabbiliti biex jintrebaħ. Jena infehmec chif għandha tcun din it-tkarbina tal Ġubleŭ.

1. It-tkarbina tal Ġubleŭ ma tridx issir bil fors fil Cnejjes stabbiliti, bħall vìsti, iżda tista, issir f'cull Cnisja. 2. It-tkarbina ma tgħoddx jecc tcun ħażina jeŭ bis-sacrileġġ. 3. It-tkarbina tista' tagħmilha ŭara il krara tal Ġubleŭ, anche kabel il krara jeŭ ġurnata oħra. 4. It-tkarbina trid tcun sagramentali u ma hix biż-żejjed it-tkarbina spiritŭali. 5. It-tkarbina tal precett ma tgħoddx ankas, ma tgħoddx it-tkarbina ta xi obbligu ieħor. 6. It-tkarbina tal vjatcu li jircievu il morda tgħodd għall Ġubleŭ. 7. Daŭc li ma bdeŭx jitkarbnu għandu il Confessur ifehimhom u jatihom jitkarbnu, jecc icunu capaci; jecc ma icunux capaci, jista' il confessur jibdlilhom it-tkarbina b'opra oħra, jeŭ inchella ineħħi għal collox.

DUN ANTON VELLA D.D.
*Cappillan ta ħal Luka.*

## Għaliex jakilbu?

L'articlu li deher l' aħħar darba fuk il *Habib*, imsemmi «Nitgħallmu x'in hi ir-Religjon,» fi ħsiebi, chellu jissemma «Għaliex jakilbu;» imma ma nafx chif jeŭ għala, dan l'isem ħassartu, u insejt narġa inkegħdu fir-ras ta l'articlu. Għalhecc la ma għammidtux jen, għammiduli ħaddieħor u... għamilli pjacir! Imma billi il fehma tiegħi chienet u għadha li b'dac l'articlu, u b'daŭc li għad iridu jidhru, nuri il għaliex x'uħud jakilbu u iħallu ir-Religjon, jidhirli li dac l'articlu u l'oħrajn insemmihom chif chelli f'rasi mill'eŭŭel. Għalhecc «Għaliex jakilbu» u «Nitgħallmu x'in hi ir-Religjon» huma ħaġa ŭaħda. Inkisuħ l' eŭŭel isem misluf biex jidher, ġà la darba chelli moħħi band'oħra u insejt insemmiħ. Min silifuli incun nafulu, u nitolbu li jecc xi darba oħra tircaptalu xi ħaġa, jeŭ bla isem, jeŭ bla ras, iseŭŭihieli hu, għax jinkala. Mela, biex incomplu, għedna li barra milli ŭieħed jisma' il priedchi, jista' jitgħallem ucoll ir-Religjon fuk il cotba. Cotba fuk ir-Religjon haŭn ħafna, ŭieħed isbaħ mill'ieħor, cbar, żgħar, imma, nisthi ngħid, min jakrahom ftit. Għaliex? Għax, nisthajjel min igħidli, il cotba fuk il Fidi, ma jatuniex gost, idejkuna. Il cotba fuk il ħŭejjeġ tal fidi ma jatucx gost? idejkuc? scużani: imma għedtha ħoxna u urejt li int bla ras, il għaliex jecc int fil cotba tar-Religjon tippretendi li issib il buffunati u iż-żuffiett tal għana u il ghideb, il ħŭejjeġ tal Fidi la huma buffuni u ankas ghiddibin, għax il Fidi hi l'akŭa ħaġa serja u vera li ŭieħed jista' jaħseb; issa jecc int tfittex biss il buffunati u iż-żuffiett tal cotba u il ghideb tar-romanzi; u taħseb li hecc biss tista' tgħaddi iż-żmien, ħallini ngħidlec u aħfirli, int buffun, għax ma min rajtec xebbaħtec.

Iżjed, jecc int ma takrax, biex ma iddejjakx kalbec il cotba li jitħadthu fuk il Fidi, tcun turi li int il Fidi ma tħobbhiex, għax chiecu tħobbha ma tixbax tidħaddet fukha, ma tixbax tisma' min jidħaddet fukha, ma tixbax tħares lejn il ġmiel taħħa u tifli dan il ġmiel u titgħaxxak biħ, u timla biħ il kalbec, ir-ruħec u lilec colloc chemm int, chiecu tħobbha tas-seŭ sgur li lejl u nhar theŭden fukha u trid dejjem tisma fukha. Issa għax int ma tħobbx il fidi, taħseb li tiddejjak jecc takra cotba li jitħaddtu fukha, u jecc int ma tħobbx il Fidi, chemm sejjer iddum ma titlifha u takleb?

U m'hux veru dan? Chemm haŭn min dejjem jakra ħrejjef, rumanzi, stejjer, cummiedji, ġurnali, u fuk il fidi, fuk ir-religjon ftit, ftit? Oħrajn jakraŭ fuk il Fidi, fuk ir-Religjon, imma cotba, ġurnali, li jeħduha contra il Fidi, contra ir-Religjon, li jigdbu fukha chemm jifilħu, li juruha mux chif in hi, imma chif l'infern ipingiha, biex igagħluc tobgħodha, u tneħħiha minn kalbec u tiċħadha. Issa daŭn li jakraŭ daŭn il cotba u daŭn il ġurnali stampati fl'istamperija tal infern, chif jistgħu igħożżuha? Jeŭ chif ma jakilbux mita jakraŭ il ghideb u it-tnassis fukha, mita ma jakraŭx cotba li jeddefenduha, li juru li dac collu li jingħad contra il fidi Cattolica hu ghideb, tnassis, hu falz, hu ħiereġ minn bŭieb l'infern, li għalxejn jinfethu contra il Cnisja ta Cristu?

(*Jissocta*) DUN MANŬEL.

## Li Storja tal Papiet.

VIII.

### San Sistu I.

Dâm Papa 9 snin, xahrejn u 21 ġurnata. Sâr fis-sena 132, miet fis-sena 142.

San Sistu I chien dac li ŭara il meŭt ta S. Alessandru I giè magħżul b'ferħ cbir ta cullħadd biex jeħu f'idejħ ir-riedni tal Cnisja. Mnissel minn gedd nobbli, mŭieled geŭŭa Ruma. Sistu sâr Papa fis-sena 135. Il ctieb imsejjaħ «Pontifical» igħidilna li dan il Papa ma riedx li is-seculari imissu iżjed il vasi sacri, jigifieri il calici u il patena, imma biss il ministri mkaddsa. Ried ucoll illi il corporali icunu tal għażel u mux tal ħarir. Barra minn dan daħħal ucoll l'usu illi fil kuddiesa jingħad is-*Sanctus* u li l'Iskfijet mita imorru fid-Djocesi: għalihom assenjata għandhom juru l'Ittri msejjħin Apostolici. Ragħaj l'ictar ħabriechi fil kasam ta Gesù Cristu, San Sistu ma chienx ħlief iŭettak l'insara fid-dìn taħħom. Imnicchet u mdejjak minn tant persecuzjoni li chellhom isofru ŭliedu l'insara, chien dejjem iŭissihom biex jibkgħu fidili sal meŭt lejn ir-Religjon nisranija.

Chien fi żmienu li il poplu lhudi giè mil ġdid imgħacches u imħarbat mir-Rumani, imma fl'istess ħin ra ticber is-saltna ta Gesù Cristu. Bir-raġun collu dan il Papa għazzelu tiegħu u l'imħabba li chien ikun lejn il Cnisja jigi mxebbaħ ma San Clement I. Imma barra mil gŭerra kalila li contra l'insara għamlu l'imperaturi Adrjanu u Antoninu Piju anche l'eretici Marinone, Valentini u Basilide riedu itebbgħu bit-tagħlim karriek taħħom il libsa pura tal għarusa ta Gesù Cristu. Imma collu għal xejn cull ma għamlu għaliex għassies taħħa chien hemm San Sistu. Dan malli ntebaħ bil għamil taħħom dicment kâm fuk tiegħu u żamm bla mtiesef it-tŭemmin nisrani. Jingħad ucoll li dan il Papa iffissa fil ġurnata tal Hadd il festa tal Għid. Fi tliet ordinazjonijet li għamel fix-xahar ta dicembru ordna 4 Iskfijet, 9 jeŭ 11 ij kassis u 3 Djaconi. Ŭara li b'għerf u kdusija l'ictar cbira San Sistu ħachem il Cnisja mkaddsa miet martri fis-sena 142 ŭakt li chien isaltan Antoninu Piju. Giè midfun fil Vatican chif jatuna xiehda l'ictar ċara il munumenti li jinsabu f'San Pietru. L'ibliet ta Alatri u ta Alife taŭħ dejjem kima specjali u Ruma żammitu dejjem bħala Papa l'ictar cbir u kalbieni fost il ŭerrieta ta San Pietru.

DUN A. BONANNO,
*Cappillan ta San Giljan.*

## Ma dûarna.

—Niżżu-ħajr lill Commandatur Alfonsu Galea, li għogbu iceċilna għall *Habib* ġrajja ċchejcna ta pajjiżna, mictuba mir-Reverendu Dun Giusepp Farrugia, bl'isem ta *Tŭieldet mil ġdid*, għall *Mogħdija taż-żmien*. Il gimgħa id-dieħla nibdeŭ ngibuha u naksmuha f'darbtejn biss. Naħsbu li togħġob ħafna lill karrejja tagħna.

—Persuna li tigi minn'na fil krib (u, għad li ma nsemmuhiex b'isimha, għax hecc trid, nistgħu nagħmlu tajjeb għaliha, għax nafu bil fatt aħna ucoll) talbitna nxandru fil *Habib* li chienet marida gravi b'riħ kaŭŭi fil pulmuni; u li, malli għamlet ŭegħda lill'Appostlu San Ġuda Taddeŭ (ŭegħda li, jecc tfiek, l'eŭŭel ħarġa mid-dar tcun żjara lilu fil Cnisja tal Pilar, biex tkiegħed b'idejha stess erba' xemgħat kuddiemu) ħasset-ruħha minnufiħ għaddejja għall'aħjar u bakgħet sejjra dejjem titieb, li issa ŭaslet biex tcompli il ŭegħda. Barra milli l'Appostli huma it-tnax il pilastru principali tal Cnisja ta Gesù Cristu; u f'ħajjithom stess, chellhom is-setgħa Minnu li ifejjku il morda u jagħmlu cull xorta ta mirâcli oħra, San Ġuda Taddeŭ chien jigi fil krib minn Sidna Gesù, għax ommu chienet ulied l'aħŭa mal Madonna, u chien tant jixbħu minn ŭiċċu u mil katgħa ta gismu, li bosta drabi il ktajja tan-nies chienu jaħsbuħ Hu. Min icun devot tiegħu, ma jibdielux; u ma ngħidux ħlief chelma oħra: istaksu lill' imġarrab....

—Niżżu ħajr lir-Reverendu Patri Frangiscu, tal Cabuccini, li ried jirrigalana id-Discors bit-taljan li għamel haŭn Malta, għall Cungress Eŭcaristicu, ir-Reverendissimu Patri Alfonsu De Feo, Rettur tal Cnisja tal Liguorini ta Napli u Predicatur mill'actar imsemmija geŭŭa l'Italja collha; u *Ricordo della Chiesa di S. Alfonso e S. Antonio*, fejn huma miġburin flimchien tliet *Inni* mill'isbaħ, bil mużica taħħom. L' *Inni* huma ta Monsinjur Sodano u il *Mużica* tal famus Sur Mastru Dun Pietru Magri, Direttur tal Cappella ta Vercelli: u daŭn huma żġħ ismijet li fihom infushom ifissru gieħ u żìna lill Cleru tal Italja.—Id-discors tar-Reverendissimu De Feo (stampat Napli, b'dac il lussu ta tipi u carta li jixirku lil Predicatur ta fama hecc cbira) juri b'għerf u b' ħeġġa tal għageb id-*devozzjoni lejn il Kalb Eŭcaristica ta Gesù*—Discors li haŭn Malta tgħaxxak biħ cull min semgħu u giè mfaħħar mill' Iskfijet u mil Cardinali—Discors li fiħ l'isem għażiż tal Gżira tagħna jakbeż sicŭit fin-nofs, bi cliem ta tifħir, li min hu Malti tas seŭ ma jistax ma iħossux jinfidlu kalbu bil ħleŭŭa tiegħu. Patri De Feo, fil bidu tad-Discors, igħid li hu l'iċchen ŭieħed fost l'ulied ta San Alfonsu; u aħna naħsbu li hu ŭieħed mil cbar nett. Nargħu nroddu il ħajr lilu u lil min bagħtulna.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.— 84. Mingħajr fidi, ma jistax icun li nogħġbu ll'Alla, li la jitkarrak u inkas ikarrak.

## Minn gimgħa għal oħra.

*25. ta Novembru*—Il ġurnali inglisi igħidu li il flotta tal Meditterran għandha tigi miżjuda, chif uriet il bżonn id-dimostrazjoni navali (ŭirja ta fregati) fl'ibħra tal Egittu.—Il fregata *Devonshire* għandha chif tasal haŭn mil Inghilterra tidħol il bacir; dan icun għal bidu ta Jannar li gej. Gej ucoll jisseŭŭa il bacir incrucjatur grieg *Giorgios Avaroff*.

*27 ta Novembru* — Dalgħodu, krib id-disgħa miet għand il *Blue Sister* il Curunell Biancardi, id-Dŭanier u Sopraintendent tal Portijet. Għalak 63 sena fit-2 ta dan li aħna fih.— Di'l gimgħa chienet gimgħa tad-disgrazzi: Ħal Kormi, tifel ta sentejn nstamat bi stanjata cafè jagħli u miet; *San Ġorġ*, tifel ieħor ta sentejn, bin surgent inglis, ŭaka ġo bir u għerek; tas-Sliema, aŭtomobbli nvesta tifla u corriha f'riġlejha; iż-Żurriek, għal festa ta Santa Catarina xcatta masclu u darab dsgħa min-nies, x'uħud minnhom huma corruti seŭŭa.— Ir-Rapport tal Pulizja, li ħareġ daŭ 'l ġranet, igħid li geŭ irrapportati lilha elf disgrazzja minn Malta u Għaŭdex fis-sena li għaddiet, imma minn barra sebgħa u disgħin l'oħrajn ma chienux ħŭejjeġ cbar.

Il Ħabbàr.

## Letturi scientifici popolari

Fil Programm li ħrigna fin-numru ta kabel tal aħħar semmejnihom, u għidna li l'eŭŭel ŭaħda għandha issir fis-sitta taddieħel. Lil xi ħadd gietu il cursità icun jaf x'in huma, u meta fissirnielu għoġbu ħafna il ħsieb tagħna, li hu li ngħallmu dejjem lil poplu. Daŭn il Letturi għandu jagħmilhom is-Surmast tal Iscola ta billejl tal Unjoni, Dun Carm Psaila, u icun fihom coll xorta ta tagħlim sabiħ u ta fejda, barra minn fuk ir-Religjon, għax għalhecc hemm il Conferenzi Religjusi; u biex icunu jistgħu jipprofittaŭ minnhom mux biss ittfal tal iscola tagħna, imma is-Soci ucoll, isiru fis-Sala tat-Tiatrin u ŭara li il ħadiema icunu refgħu mix-xogħol tagħhom, fis-sitta u nofs ta filgħaxija. Lil Dun Carm mux l' eŭŭel darba li smajtuh ġos-Sala il cbira tal Unjoni jagħmel minn daŭ 'l Letturi u bkajtu mgħaxxkin bihom, fil ŭakt li aħna conna mistagħġbin bil ħila li chien k'ed juri biex ifisser bil malti ħŭejjeġ l'actar tkal (u chien malti dac tiegħu) u b'mod li jista jifhmu collħadd. Dun Carm ħadhom ŭisk għal kalbu daŭ 'l Letturi, u biħsiebu jagħmel il ħila tiegħu collha biex lis-Soci jgħaddilhom siegħa żmien li ma tcunx mitlufa. Imma is-Soci jiġu? Jecc ma jiġux, tasseŭ li ma icunux iridu jitgħallmu. Ħlas ma hemmx.

Dun Paŭl.

## Ma dûar id-dinja.

*Marocc*—Żeŭġ tajjara militari spanjoli fil ŭakt li chienu jittajru fejn Tetuan, is-siŭed sparaŭ fukhom; geŭ feruti u ŭieħed minnhom gravement: l'ieħor sata' iŭassal l'ura sal camp l'areoplan, li chellu il gŭienaħ collha mtakkba bil balal.

*Inghilterra*—Is-suffragisti ħarku id-depositu tad-dgħajjes tal Municipju f'Bristol: iddannu jilħak 3000 lira.

— W. H. Ball, baħri fuk is-sottumarin No. 4 giè il gimgħa li ħarget b'meŭġa misjuk fil Canal tal Inghilterra u għerek, għalchemm il cmandant għamel li sata' sabiex isalvah—chien għadu chif ŭasal mil Medeterran—chellu 29 sena u chien għadu chif iżżeŭŭeġ.

— F'Devonport giet varata mis-Sinjura Austen Chamberlain is-Super-Dreadnought *Warspite*: chien hemm presenti il Ministru tal Marina Churchill.

—F'Barron giet ucoll varata minn Lady Islington is-Super-Dreadnought *"Emperor of India."*

—Il famus Sir Thomas Lipton giè f'Londra mil Korti tal Pulizija cundannat 5 liri għaliex gerra ŭisk l'aŭtomobbli tiegħu.

—Billericay f'Essex Mons: Iskof Butt, Aŭsiliarju tal Cardinal Bourne kiegħed l'eŭŭel ħagra ta Cnisja.

*Disgrazzi*—Il gimgħa li ħarget il vapur tar-rmonc *"Nana"* mita chien ftit bogħod mil costa tal Inghilterra, kabditu tempesta cbira: tchissirlu it-tmun u ir-riħ u il current chienu għoddhom xeħtuh fuk l'art. Il ħamsa tal equipaġġ salvaŭ u billi ħasbu li il Captan spiċċa biex għerek, irrapportaŭ li f'mument ta periclu il Captan ordna imajnaŭ l'aħħar dgħajsa li chellhom, iżda hu ried jibka' abbord; huma ucoll riedu jibkgħu abbord, imma fil ŭakt li chienu imajnaŭ id-dgħajsa, il gumna nkatgħet u id-dgħajsa bihom giet minn meŭġa mbgħeda. Iżda il vapur girmanis *Russ* għodŭa ŭaħda (nhar l'erbgħa li għaddiet) lemaħ in-*Nana*, resak ma genbu u talla fuku il Captan Kite, li għal erbgħa ti jem u erbgħa lieli chien ilu jiccumbatti għall ħajja.

Il Captan Kite mita sbarca irrapporta li mita ġratlu il ħsara fit-tmun ordna lill'equipaġġ jesamina il ħsara u f'dakka ŭaħda jisma għajta u isib li il baħrin collha gà bogħod minnu mit jarda chienu ħarbu fuk dgħajsa u lilu ħalleŭh ŭaħdu, f'periclu tal meŭt. Il Pulizija ordnat l'arrest tal baħrin collha.

—Hemm biża' li il vapur *Acilia* tal Companija Hamburgo-America ntilef. Hu telak għall Montevideo fit-23 ta Ottubru u l'ebda aħbar ma nstegħmet minnu iżjed, ħlief raŭħ f'tempesta cbira ħdejn Ras Horn.

—L'Incrucjatur taljan *San Giorgio* mar fuk l'art fl'Istrett ta Messina — l'eŭŭel aħbarijet kalu li jinsab f'posizjoni ħażina; oħrajn kalu li hemma tama li isalvaŭh. Ħames fregati bil giri telku sabiex jakgħaluh.

*Messicu*—Il General tat-truppi irrapporta li żeŭġ treni b'1500 suldat ta truppi federali geŭ imtajjra u li 200 minnhom mietu.

—Il General tal insorti irrapporta li ħdejn Jŭarez chien hemm battalja cbira u li ittruppi federali, għalchemm numru bil bosta icbar, ħarbu, ħalleŭ ŭrajhom il canuni collha, u 700 ŭakgħu prigjonieri. L'isptarijet huma mimlija bil feruti.

*Russja*—L'Ufficcju tal Gŭerra ordna 1000 areoplan, li għandhom jiġu consinjati f'1916. Illum ir-Russja ma għandhiex ħlief 12 il dirigibbli u 360 areoplan.

L. M. C. G.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

### Bianca u Fernando

Nhar il Ħadd, 23 ta Novembru, giè irrappresentat li msemmi Dramm mil Cumpanija *La Concordia* fit-Teatrin tal *Unioni Cattolica*, migjub bil Malti u imkiegħed chif jista isir seŭŭa mis-Sur A. Lanfranco. Jecc drabi oħra faħħarna il Cumpanija *La Concordia* dina id-darba inħossu illi insejħu l'Atturi mux iżjed Dilettanti iżda Artisti veri, għaliex genn'nu il cullħadd, anche lill'Aŭtur li chien presenti, u bosta drabi kalgħu applaŭsi kaŭŭija u f'żeŭġ bnadi intalab il *bis*, għalchemm ma giex mogħti taħt pretest li fil prosa ma isirux bissijet.

Natu l'ogħla tifħir lill *Fernando* (is-Sur Argento) u lil *Bianca* (is-Sur O. Cumbo). Aħjar minn nhar il Ħadd żgur ma jagħmlux darb'oħra.

Infaħħru ucoll lill *Filippo* (is-Sur L. Scicluna), lill *Carlo* (is-Sur G. Dimech), lill *Viscardo* (is-Sur E. Camilleri) lill *Clemente* (is-Sur C. Cremona) u lill *Gustavo* (is-Sur E. Cremona), għaliex ħadmu bil kalb u bir-rekka il partijet taħħom, chif chien jixraklu Dramm hecc sabiħ, li għandu bħala soggett tiegħu principali il vera mħabba tal ulied lejn missierhom.

Daŭn huma verament Drammi li iħallu lezzjonijet sbieħ u utili ŭarajhom, u jisŭeŭ daks priedca għal min jifhem tajjeb is-sens taħħom.

Ma irridux nispiċċaŭ mingħajr ma ngħidu illi ŭara ir-raba att is-Sur Lanfranco giè imsejjaħ fuk il palc kalb l'applaŭsi.

Verax.

†

Itolbu għall mistrieħ tar-ruħ għażiża ta Onurabbli

**Curunell Nicola Grech-Biancardi P.L.**

C.M.G., C.V.O., Ajjutant-Onurarju tar-Re,

li miet, tas-Sliema, għand il *Blue-Sisters*, nhar il ħamis li għadda, fid-9 ta fil-għodu, ta 63 sena.

Għall'eŭŭel, chien Scrivan ix-Xatt, mal Agenzija taljana tal vapuri *Florio e Rubattino*; u, imbagħd, sar Procuratur Legali, professjoni li fiha chien issemma ħafna għall ħila u l'onestà tiegħu. B'ħiltu, tala f'daŭc il gradi collha; u, fl'aħħar, laħak Dŭanier. Imma chien ilu jidher sejjer l'ura fis-saħħa u issa nkaleb b'marda kalila ta ħames ti jem. Ħareġ minn daru nhar it-tnejn tal gimgħa l'oħra u inġabar għand il *Blue-Sisters* biex ibiddel l'arja: imma il meŭt chienet fil krib.

Kabel ma sar Fizzjal tal Milizzja, li chien imsaħħar għaliha, chien jindaħal ŭisk fil *Politca* u giè li chellu ġurnal tiegħu *(L'Oggi)*: ġurnal bit-Taljan li chien jisħak dejjem contra il Gvern.

Chien migjub ŭisk mil Cbarat Ingliżi, li chellhom fih fidi cbira. U il Maltin ucoll li jafuh seŭŭa, bħalma conna nafuh aħna, ma jistgħux igħidu minnu ħlief gid, għax chien ragel ta kalbu f'idejh.

Chien devot cbir tal Madonna tal Carmnu; u għall'ebda ħaġa ma chien iħalli il kuddiesa ta cull-jum.

Alla jatih il Genna.

### CHELMA F'ŬAKTHA.

Ŭieħed mis-*Socjalisti* ta Milanu, chif chien kiegħed jippriedca fi Pjazza lill ħaddiema sfrattati minn fuk ix-xogħol, scappaŭlu fissaħna daŭn il chelmiet:

—O Bniedem, chemm inti cbir! Chemm tiflaħ! Alla ħalak is-sajjetti u inti ħlakt il calamita!

Imma tfajjel li chien kiegħed jisimgħu, ŭiegbu fil pront biż-żuffiett:

—O Bniedem, chemm inti cbir! Chemm tiflaħ! Alla ħalak ix-xita u inti ħlakt l'umbrella!

### MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

XARADA.

L'*eŭŭel* hu ommoc, — id-dlam tat-*tieni collox* ifittex — biex jaħtaf hieni.

Ginu.

---

L'aħħar Xarada chienet:

*Tis-riħ—tisriħ.*

Ma giebha ħadd tajjeb; u, biex ngħidu is-seŭŭa, ma chienetx mil ħfief.